**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Ottubru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 421/2016 AF**

**Kevin Mallia**

**vs**

**Edmond Espedito Mugliett**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf ta' Kevin Mallia li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-konvenut huwa debitur versu l-attur fis-somma ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000) rappresentanti din is-somma self brevi manu.

Il-konvenut ghalkemm debitament interpellat biex ihallas dan l-ammont, baqa' inadempjenti.

L-ammont huwa cert, likwidu u dovut.

Il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167 - 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bis-sidpensa ta-ssmiegh a tenur tal-artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000).

Bl-ispejjez, u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tal-1 ta' Novembru 2016 u peress li l-Qorti qieset illi l-konvenut kellu eċċezzjonijiet xi jressaq, ingħata għoxrin jum żmien sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors tal-attur.

Rat ir-risposta maħlufa ta' Edmond Espedito Mugliett li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Dina ir-risposta qeghda tigi intavolata wara li l-esponent gie awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Primarjament l-esponenti mhux il-legittimu kontradditur u ma ghandux relazzjoni guridika ma' l-attur u hekk ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, dina l-azzjoni hija intespestiva stante li l-esponenti ma kien interpellat bl-ebda mod bl-intenzjoni tal-attur.

Minghajr pregudizzju ghal premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallsu l-ammont ta' €150,000 rappreżentanti self brevi manu illi jallega li l-konvenut naqas milli jħallas lura fiż-żmien miftihem.

L-attur jikkontendi li huwa kien silef lill-konvenut din is-somma kwantu għal €20,000 fi flus kontanti fit-2 ta' Frar 2014, €95,000 permezz ta' *bank transfer* mill-kont tal-bank ta' ħuħ, u €35,000 li sar permezz ta' *bank transfer* mill-kont tiegħu stess. Dawn iż-żewġ *bank transfers* saru fit-3 ta' Frar 2014. Mir-rendikont tal-imsemmija kontijiet bankarji jirriżulta li l-flus ġew trasferiti direttament fil-kont bankarju tas-soċjetà Blue Finance Limted. L-attur jispjega li kif kien qiegħed il-bank sabiex jagħmel it-trasferimenti, il-konvenut tah numru ta' kont tal-bank li rriżulta li kien ta' din is-soċjetà. Filfatt, l-attur jispjega li kien biss meta kien qiegħed il-bank li sar jaf illi l-kont fejn kellu jiddepożita l-flus fihom kien f'isem is-soċjetà Blue Finance Limited u mhux f'isem il-konvenut personalment.

Dan il-ftehim ma kienx inkorporat fi skrittura. L-attur ikompli jispjega li l-konvenut kien qallu li l-flus għandu bżonnhom għal xi negozju u li kellu jħallsu lura fi żmien tlett ġimgħat. Huwa jżid jgħid li l-konvenut qallu li l-flus riedhom hu u li ma kienx semmielu l-kumpanija. L-attur jispjega li lill-konvenut kien jafdah għaliex kien ilu jafu madwar 20 sena. Jirriżulta li l-konvenut għadda lill-attur ċekk għall-ammont ta' €150,000 datat 1 ta' Mejju 2004. Dan iċ-ċekk kien maħruġ mis-soċjetà Blue Finance Limited imma ma ġiex indirizzat. L-attur jgħid illi huwa qatt ma pprova jsarraf dan iċ-ċekk għaliex kien jaf li l-konvenut kellu problemi finanzjarji inkluż proċeduri legali pendenti kontrih u li għalhekk ma kienx ser jissarraf mill-bank.

Dwar il-mertu tal-kawża, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova. Huwa ppreżenta biss kopja ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri li fuqu deher l-attur għan-nom tas-soċjeta Mallia & Mallia Developments Limited. Permezz ta' dan l-att pubbliku l-imsemmija soċjeta akkwistat porzjon art fil-limiti ta' L-Imġarr. Madanakollu, il-konvenut naqas milli jispjega r-rilevanza ta' dan il-kuntratt għall-mertu tal-kawża.

Preliminarjament, il-konvenut jeċċepixxi li mhuwiex il-leġittimu kontradittur u li m'għandux relazzjoni ġuridika mal-attur. In linea ta' prinċipju ġenerali, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et, deċiża fil-5 ta' Ottubru 2001:

> "*Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kinetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, il-Qorti trid bil-fors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kinetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha titwieled l-azzjoni fit-termini proposti.*
>
> *Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinsab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korretament f'dan il-każ – illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat in kwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozzju u allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża*."

Hekk ukoll, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et, deċiża fit-3 ta' Ottubru 2008 rriteniet illi:

> "*Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport*."

Il-Qorti qiegħda tifhem li b'din l-eċċezzjoni l-konvenut ried ifisser li huwa kien qiegħed jaġixxi f'isem is-soċjeta Blue Finance Limited u mhux f'ismu personali. Dwar dan il-punt, il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti ġurisprudenza:

Fil-kawża fl-ismijiet Camel Brand Co Ltd vs Michael Debono, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Marzu 2002 gie ritenut illi:

> "*Meta negozju jkun gestit minn socjetà b'responsabilità limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*
>
> *Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*
>
> *Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet, Anthony Caruana et vs John Magro et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999, ġiet ċitata ġurisprudenza fis-sens li:

*"hija haġa minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkontratta għalih innifsu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor…… Din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma rnexxilux jipprova sodisfaċentement li hu mhux obbligat personalment li jħallas il-kreditu tas-soċjeta attriċi. Fi kliem ieħor ma jirriżultax sodisfaċentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta attriċi a tempo vergine hu gab a konjizzjoni tagħha li hu kien qiegħed jixtri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' u li din is-soċjeta biss kienet obbligata għall-ħlas" (***Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992; ***Charles O'Flaherty nomine vs Joseph Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta'fl-24 ta' Gunju, 1987 u ***Charles Mizzi vs Teddy sive Edward Borg*** deċiża mill-istess Qorti fl-10 ta' Mejju 1990)*."

Fil-kawża fl-ismijiet Legend Real Estate Ltd vs Ron Chetcuti, deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2003, intqal ukoll li:

*"Hu dak il mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjeta' attrici kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konnoxxenza tas-soċjeta' attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabbilita' għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta (**John Vella noe vs Anthony Vella et**, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Diċembru, 1999)"*. Aktar tard fl-istess sentenza l-Qorti żiedet li *"Jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparent lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero' wiehed kellu jippreżumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed tagħmel f'isimha proprju (**Lawrence***

***Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru, 1999).*"

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet George Demanuele noe vs Mauro Gagliano et, deċiża fid-19 ta' Mejju 1995:

"*Min qed jallega li kuntratt għamlu mhux f'ismu iżda fi kwalita' rappreżentattiva għandu l-oneru li juri li lill-parti l-oħra kien għarrafha li ma kienx qed jidher f'ismu: biex persuna li tkun qiegħda tikkontratta ma torbotx lilha nnifisha jkun meħtieġ li jigi provat li waqt il-kontrattazzjoni dik il-persuna indikat ċar u tond li qiegħda tidher għal ħaddiehor, jew, jekk ma indikatx dan espressament, għall-inqas ikun jirriżulta biżżejjed li l-parti l-oħra tkun raġonevolment taf illi dik il-persuna tkun qiegħda tikkontratta f'isem ħaddieħor*."

Bħal fil-każ tal-konklużjoni raġġunta fil-każijiet fl-ismijiet Joseph Chetcuti noe vs Peter Paul Camilleri, tal-Qorti tal-Appell, deċiża fl-4 ta' Dicembru 1988 u Anthony Caruana et vs John Magro et deċiża mill-istess Qorti fis-6 ta' Ottubru 1999, u oħrajn referenzjati fihom:

"*din il-Qorti jidhrilha li l-konvenut m rnexxilux jipprova sodisfacentement li hu mhux obbligat personalment li jhallas il-kreditu tas-socjeta' attrici. Fi kliem iehor ma jirrizultax sodisfacentement li meta l-konvenut innegozja mas-socjeta' attrici 'a tempo vergine' hu gab a konjizzjoni taghha li hu kien qieghed jixtri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' u li din is-socjeta' biss kienet obbligata ghal hlas.*"

Meta l-attur aċċetta li jislef il-flus lill-attur u saħansitra sakemm mar il-bank sabiex jagħmel it-trasferiment tal-flus għal ġol-kont tal-konvenut, huwa ma kellu l-ebda mezz sabiex ikun jaf li filfatt kien ser jgħaddi l-flus lil socjetà ta' responsabbiltà limitata u mhux lill-konvenut personalment. F'dan il-każ allura l-presunzjoni hija illi l-konvenut kien qed jikkuntratta f'ismu proprju u mhux f'isem ħaddiehor anke jekk il-persuna kien fil-kummerċ. Il-Qorti jidhrilha illi fil-mument kruċjali meta kienu

qegħdin isiru n-negozjati, il-konvenut ma weriex lill-attur li kien qed jikkuntratta għan-nom ta' Blue Finance Limited u mhux f'ismu personalment. Huwa veru li ċ-ċekk tal-1 ta' Mejju 2014 kien maħruġ mill-imsemmija soċjeta, imma kif intqal mill-Qorti tal-Kummerċ fid-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Ottubru 1986 fil-każ fl-ismijiet Bonnici vs Cauchi Carter,

> *"billi gieli rcieva cheques ghall-hlas tal-merkanzija konsenjat minghand l-istess nies pero' ghan-nom ta' socjeta' ohra ma jfisser xejn. Ghall-attur l-importanti kien li setghu jissarfu..."*

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut qeghda għalhekk tiġi respinta.

Il-konvenut jeċċepixxi wkoll illi l-azzjoni hija intempestiva stante li qabel saret din il-kawża huwa ma ġiex interpellat bl-intenzjoni tal-attur. Bl-ebda mod ma ġiet imfissra din l-eċċezzjoni. L-artikolu 1130(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li:

> *"jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti jew jagħmel, u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien, bla ħsara, għal dawk li huma mgħaxijiet imsemmijin fl-artikolu 1141, tad-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu."*

Mix-xhieda tal-attur, li baqgħet mhux ikkontestata, jirriżulta li l-ftehim kien illi l-konvenut iħallas lura lill-attur fi żmien tlett ġimgħat, ħaġa din li l-konvenut naqas milli jagħmel. Ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-attur jinterpella lill-konvenut qabel jiftaħ din il-kawża. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qeghda tiġi miċħuda.

Fil-mertu, il-konvenut jeċċepixxi biss illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Madanakollu, mill-atti proċesswali din il-Qorti hija sodisfatta li l-attur irnexxilu jipprova l-premessi għat-talbiet tiegħu. Kif diġà ġie osservat, il-konvenut naqas milli jressaq l-iċken prova sabiex jikkontrasta x-xhieda tal-attur u allura, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ssib illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa kif dedotti.

Dwar l-imgħax, l-artikolu 1141 tal-Kap. 16 jiddisponi li jekk l-obligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali, l-imgħax għandu jibda jiddekorri *ipso jure* minn dak inhar li l-obligazzjoni kellha tiġi esegwita. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur silef lill-konvenut is-somma in kwistjoni sabiex il-konvenut jutilizzaha għan-negozju bejn it-2 u 3 ta' Frar 2014, liema somma kellha titħallas lura fi żmien tlett ġimgħat. Għaldaqstant, l-imgħax għandu jibda jiddekorri mill-24 ta' Frar 2014.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba tal-attur billi l-konvenut ġie awtorizzat jikkontesta l-kawża, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-tieni talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000) b'imgħax mill-24 ta' Frar 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jithallsu mill-konvenut.

IMHALLEF

DEP/REG